**QORTI CIVILI - PRIM' AWLA**

# IMHALLEF
# ONOR. MARK CHETCUTI LL.D.

Fl-atti tar-Rikors Nru: 383/2019

**Luca Selvaggi**
**vs**
**Manouche Ltd.**

Illum, 6 ta' Gunju 2019,

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Luca Selvaggi tas-17 ta' Mejju 2019 ghal revoka jew varjazzjoni tad-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2019 li cahdet talba tar-rikorrenti ghal tehid ta' mizuri provvizorju u protettivi taht l-artikolu 8(1) tal-Kap. 488;

Rat ir-risposta ta' Manouche Limited li opponiet ghat-talba.

**Ikkunsidrat**

Jibda biex jigi rilevat illi s-socjata konvenuta tissottometti illi r-rikorrenti ma kellu ebda jedd ta' revoka jew varjazzjoni tad-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju 2019 ghaliex il-Kap. 488 hu ligi specjali u ma jipprovdix ghal dan ir-rimedju.

Din il-Qorti ma taqbilx. It-talba li saret mir-rikorrenti fit-18 ta' April 2019 kienet ghal mizuri provvizjorji ta' protezzjoni taht l-artikolu 6(1) u 8(1)(a) tal-Kap. 488. Id-decizjoni tal-Qorti fis-Sede Civili taghha hi digriet jew provvediment. Il-fatt li l-Kap. 488 ma

jipprovdix ghal talba ta’ revoka jew varjazzjoni ma jfissirx li ma jezitix. Wiehed irid ihares lejn dak li jipprovdi l-Kap. 12 li jirregola l-proceduri civili quddiem il-Qorti. L-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 jaghti dritt ghal parti li titlob revoka jew varjazzjoni ta’ digriet jekk tali talba issir fi zmien sitt ijiem mid-digriet, kif inhu dan il-kaz. Il-Qorti tqabbel din it-talba ghal mizuri provvizjorji mal-mandati kawtelatorji u senjatament il-mandat ta’ inibizzjoni fejn ir-rimedju tar-revoka u varjazzjoni ma jinsabx fl-artikoli relatat mal-mandati kawtelatorji izda mal-provvedimenti generali dwar id-digrieti. Ghalhekk l-eccezzjoni tas-socjeta intimata ma tistax tintlaqa’.

In kwantu ghat-talba ghal revoka jew varjazzjoni tad-digiret tal-Qorti mitlub mir-rikorrenti, ir-rikorrenti ghandu mis-sewwa fuq l-ewwel raguni li ghalih gie michud il-mandat. Il-Qorti wara li qieset sew il-kwistjoni tirreleva illi l-markju registrat ’Manouche’ jirreferi ghal servizzi f’bars u restaurants, mhux ghal oggetti, kif ben rilevat mir-rikorrenti. L-artikolu 12 tal-Kap. 416 isemmi oggetti meta jirreferi ghal ’exhaustion of rights’. Ghalkemm jidher li hemm gurisprudenza fis-sens li f’certi cirkostanzi dan l-artikolu ghandu wkoll isib applikazzjoni ghal servizzi [ara **L’Oréal SA & Others v eBay International AG & Others**, (2009) EWHC (CH) (22 May 2009)], pero jidher li l-gurisprudenza Ewpropea prevalenti hi li dan il-prinicipju tal-ezawriment ghandu japplika ghal oggetti mhux servizzi kif inhu registrat it-trade mark in kwistjoni.

Mandankollu l-Qorti issib li t-tieni raguni ta’ rifjut fid-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Mejju 2019 ma giex validament oppost mir-rikorrenti. Hu minnu illi l-artikolu 10 tal-Kap. 416 iqis li persuna tkkontravvjeni trade mark meta fil-kors ta’ kummerc tuza trade mark identiku ghal dak registrat. Jirrizulta bla dubju illi s-socjeta Manouche Limited qed tuza fil-kors ta’ kummerc l-isem ’Manouche’ registrat mir-rikorrenti fil-25 ta’ Marzu 2019 b’effett mit-3 ta’ Mejju 2018. L-artikolu 9(1) tal-Kap. 416 jipprovdi protezzjoni u jitqies li hemm kontravvenzjoni meta persuna tuza dik it-trade mark <u>minghajr il-kunsens tal-proprjetarju</u> (sottolinear tal-Qorti).

Bhala fatt jirrizulta illi bejn ir-rikorrenti u l-azzjonisti ta’ Manouche Limited kien hemm intendiment ta’ shubija jew negozju, fejn il-kuncett ta’ craft bakery bl-isem Manouche beda mir-rikorrenti (jekk mhux wahdu jew ma’ terzi din hi kwistjoni li tirrigwarda l-mertu). Li hu cert hu illi mal-medda ta’ zmien u qabel ma nfetah ir-restaruant il-

kumpanija Manouche giet iffurmata minn terzi li maghhom ir-rikorrenti kien qed jinnegozja flimkien fl-2016 u r-restaruant beda jiffunzjona ghal pubbliku fil-bidu tal-2018. Dan kollu sehh bil-kunsens esplicitu jew implicitu tar-rikorrenti li kien jaf x'qed isir u ma oggezzjonax. Il-Qorti mhix qed tghid li r-rikorrenti ma ghandux jeddijiet jew li l-jeddijiet tieghu ma gewx mittiefsa. Pero dak li jirrizulta ghal fini ta' hrug ta' mizuri protettivi hu illi r-rikorrenti, anki jekk jirrizulta fil-mertu, illi kien ser jintlahaq ftehim komprensiv fur in-negozju tal-bakery, ippermetta l-uzu tal-isem Manouche minn ferm qabel ma gie registrat bhala trade mark. Dan iwassal lil Qorti tikkonferma d-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2019 li l-mizuri mitluba mhux prima facie pruvati li huma necessarji f'dan l-istadju, salv dak li ser jirrizulta bil-mertu tal-azzjoni li giet istitwita mir-rikorrenti.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2019 fejn sabet li r-rikorrenti ma setax jitlob mizuri protettivi minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 12(1) tal-Kap. 416, tichad it-talba ghar revoka jew varjazzjoni tad-digriet taghha tat-13 ta' Mejju 2019 a bazi tat-tieni raguni moghtija kif amplifikata u iccarata f'dan id-digriet. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Anne Xuereb
Deputat Registratur